SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Il-Ħames Awla)

13 ta' Settembru 2017*

"Appell – Politika komuni tas-sajd – Responsabbiltà mhux kuntrattwali tal-Unjoni Ewropea – Talba għal kumpens – Regolament (KE) Nru 530/2008 – Miżuri ta' emerġenza adottati mill-Kummissjoni Ewropea – Ksur suffiċjentement serju ta' dispożizzjoni legali – Possibbiltà ta' invokazzjoni ta' dan il-ksur – Prinċipju ta' nondiskriminazzjoni – Awtorità ta' res judicata"

Fil-Kawża C-350/16 P,

li għandha bħala suġġett appell skont l-Artikolu 56 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, ippreżentat fl-24 ta' Ġunju 2016,

**Salvatore Aniello Pappalardo**, residenti f'Cetara (l-Italja),

**Pescatori La Tonnara Soc. coop.**, stabbilita f'Cetara,

**Fedemar Srl**, stabbilita f'Cetara,

**Testa Giuseppe & C. Snc**, stabbilita f'Catania (l-Italja),

**Pescatori San Pietro Apostolo Srl**, stabbilita f'Cetara,

**Camplone Arnaldo & C. Snc di Camplone Arnaldo & C.**, stabbilita f'Pescara (l-Italja),

**Valentino Pesca Sas di Camplone Arnaldo & C.**, stabbilita f'Pescara,

irrappreżentati minn V. Cannizzaro u L. Caroli, avvocati,

appellanti,

il-parti l-oħra fil-kawża li hija:

**Il-Kummissjoni Ewropea**, irrappreżentata minn A. Bouquet u D. Nardi, bħala aġenti, b'indirizz għan-notifika fil-Lussemburgu,

konvenuta fl-ewwel istanza,

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Il-Ħames Awla),

komposta minn J. L. da Cruz Vilaça, President tal-Awla, A. Tizzano, Viċi President tal-Qorti tal-Ġustizzja, li qed jaġixxi bħala Imħallef tal-Ħames Awla, M. Berger, E. Levits (Relatur) u F. Biltgen, Imħallfin,

* Lingwa tal-kawża: it-Taljan.

Avukat Ġenerali: E. Sharpston,

Reġistratur: C. Strömholm, Amministratur,

wara li rat il-proċedura bil-miktub u wara s-seduta tal-31 ta' Mejju 2017,

wara li rat id-deċiżjoni li l-kawża tinqata' mingħajr konklużjonijiet,

tagħti l-preżenti

**Sentenza**

1 Permezz tal-appell tagħhom, Salvatore Aniello Pappalardo, Pescatori La Tonnara Soc. coop., Fedemar Srl, Testa Giuseppe & C. Snc, Pescatori San Pietro Apostolo Srl, Camplone Arnaldo & C. Snc di Camplone Arnaldo & C. u Valentino Pesca Sas di Ciaccio Luciano e Camplone Arnaldo & C. qegħdin jitolbu l-annullament tas-sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea tas-27 ta' April 2016, Pappalardo *et* vs Il-Kummissjoni (T-316/13, mhux ippubblikata, iktar 'il quddiem is-"sentenza appellata", EU:T:2016:247), li permezz tagħha din ċaħdet ir-rikors tagħhom intiż għall-kisba ta' kumpens għad-dannu allegatament sostnut wara l-adozzjoni tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 530/2008, tat-12 ta' Ġunju 2008, tat-12 ta' Ġunju 2008, li jistabbilixxi miżuri ta' emerġenza fir-rigward ta' bastimenti bil-purse seines li jistadu għat-tonn fl-Oċean Atlantiku, fil-Lvant tal-lonġitudni 45° W, u fil-Baħar Mediterran (ĠU 2008, L 155, p. 9).

**Il-kuntest ġuridiku**

2 Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002, tal-20 ta' Diċembru 2002, dwar il-konservazzjoni u l-isfruttar sostenibbli ta' riżorsi tas-sajd skont il-Politika Komuni dwar is-Sajd (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 4, Vol. 5, p. 460), huwa intiż li jistabbilixxi approċċ pluriennali ta' mmaniġġjar tas-sajd sabiex tiġi żgurata l-vijabbiltà fit-tul ta' dan is-settur.

3 L-Artikolu 7 tar-Regolament Nru 2371/2002, intitolat "Miżuri ta' emerġenza tal-Kummissjoni", jipprevedi:

"1. Jekk ikun jidher li hemm xi theddida serja għall-konservazzjoni ta' riżorsi akwatiċi ħajjin, jew għall-eko-sistema tal-baħar b'riżultat ta' attivitajiet tas-sajd u jkun hemm bżonn ta' azzjoni immedjata, il-Kummissjoni, fuq it-talba sostanzjata ta' Stat Membru jew fuq l-inizjattiva tagħha stess, tista' tiddeċiedi fuq xi miżuri ta' emerġenza li m'għandhomx ikunu għal aktar minn sitt xhur. Il-Kummissjoni tista' tieħu deċiżjoni ġdida biex ittawwal iż-żmien dwar il-miżuri ta' emerġenza b'mhux aktar minn sitt xhur.

2. L-Istat Membru għandu jgħaddi t-talba fl-istess ħin lill-Kummissjoni, lill-Istati Membri l-oħra u lill-Kunsilli Konsultattivi Reġjonali konċernati. Jistgħu jibagħtu l-kummenti tagħhom bil-miktub lill-Kummissjoni fi żmien ħamest ijiem ta' xogħol wara li tkun waslet it-talba.

Il-Kummissjoni għandha tieħu deċiżjoni fi żmien ħmistax-il ġurnata wara l-wasla tat-talba msemmija fil-paragrafu 1.

3. Il-miżuri ta' emerġenza għandhom jibdew iseħħu minnufih. Għandhom jiġu notifikati lill-Istati Membri konċernati, u pubblikati fil-[*Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*].

4. L-Istati Membri konċernati jistgħu jirreferu d-deċiżjoni tal-Kummissjoni lill-Kunsill fi żmien 10 ġranet mill-wasla tan-notifikazzjoni.

5. Il-Kunsill, waqt li jaġixxi fuq maġġoranza kwalifikata, jista' jieħu deċiżjoni differenti fi żmien xahar mill-wasla tat-talba riferita lilu."

4 L-Artikolu 1 tar-Regolament Nru 530/2008 jipprovdi:

"Is-sajd għat-tonn fl-Oċean Atlantiku, fil-Lvant tal-lonġitudni 45 °W, u fil-Baħar Mediterran minn bastimenti li jistadu bil-*purse seines* u li jtajru l-bandiera tal-Greċja, ta' Franza, ta' l-Italja, ta' Ċipru u ta' Malta jew li huma rreġistrati fihom għandu jiġi pprojbit mis-16 ta' Ġunju 2008.

[...]"

5 L-Artikolu 2 tal-imsemmi regolament huwa fformulat kif ġej:

"Is-sajd għat-tonn fl-Oċean Atlantiku, fil-Lvant tal-lonġitudni 45 °W, u fil-Baħar Mediterran minn bastimenti li jistadu bil-*purse seines* u li jtajru l-bandiera ta' Spanja jew li huma rreġistrati fiha għandu jiġi pprojbit mit-23 ta' Ġunju 2008.

[...]"

**Il-fatti li wasslu għall-kawża**

6 Matul is-sena 2008, l-appellanti, bħala proprjetarji ta' bastimenti tas-sajd bit-tartarun li jtajru l-bandiera Taljana, ġew allokati kwoti tas-sajd għat-tonn bil-purse seines.

7 Skont l-Artikolu 1 tar-Regolament Nru 530/2008, dan is-sajd ġie pprojbit lill-bastimenti li jistadu bil-purse seines li jtajru l-bandiera Griega, Franċiża, Taljana, Ċiprijotta jew Maltija, sa mis-16 ta' Ġunju 2008. Min-naħa l-oħra, għall-bastimenti li jistadu bil-purse seines li jtajru l-bandiera Spanjola, din il-projbizzjoni daħlet fis-seħħ biss mit-23 ta' Ġunju 2008, konformement mal-Artikolu 2 ta' dan ir-regolament.

8 Fis-sentenza tas-17 ta' Marzu 2011, AJD Tuna (C-221/09, EU:C:2011:153), il-Qorti tal-Ġustizzja ddikjarat l-invalidità tar-Regolament Nru 530/2008, sa fejn il-projbizzjonijiet li dan jistabbilixxi f'dak li jikkonċerna l-bastimenti li jistadu bil-purse seines li jtajru l-bandiera Spanjola u l-operaturi Komunitarji li kkonkludew kuntratti magħhom kellhom jidħlu fis-seħħ mit-23 ta' Ġunju 2008, filwaqt li dawn il-projbizzjonijiet japplikaw sa mis-16 ta' Ġunju 2008 għall-bastimenti li jistadu bil-purse seines li jtajru l-bandiera Griega, Franċiża, Taljana, Ċiprijotta jew Maltija kif ukoll għall-operaturi Komunitarji li kkonkludew kuntratti ma' dawn tal-aħħar, mingħajr ma din id-differenza fit-trattament ġiet iġġustifikata b'mod oġġettiv fir-rigward tal-għan imfittex mill-Artikolu 7(1) tar-Regolament Nru 2371/2002.

9 Barra minn hekk, permezz ta' digriet tal-14 ta' Frar 2012, L-Italja vs Il-Kummissjoni (T-305/08, mhux ippubblikat, EU:T:2012:70), il-Qorti Ġenerali ddikjarat li ma kienx hemm lok li tingħata deċiżjoni dwar ir-rikors tar-Repubblika Taljana intiż għall-annullament tal-Artikolu 1 tar-Regolament Nru 530/2008, għar-raġuni li, minħabba li l-Qorti tal-Ġustizzja invalidat dan ir-regolament fl-intier tiegħu, ir-rikors ta' dan l-Istat Membru ma kienx għad għandu skop.

10 Fl-istess jum, permezz ta' digriet tal-14 ta' Frar 2012, Federcoopesca *et* vs Il-Kummissjoni (T-366/08, mhux ippubblikat, EU:T:2012:74), il-Qorti Ġenerali ċaħdet, minħabba inammissibbiltà, ir-rikors ippreżentat, fost oħrajn, mir-rikorrenti intiż għall-annullament tar-Regolament Nru 530/2008.

**Il-proċedura quddiem il-Qorti Ġenerali u s-sentenza appellata**

11 Permezz tar-rikors ippreżentat fir-Reġistru tal-Qorti Ġenerali fil-11 ta' Ġunju 2013, ir-rikorrenti, li qiesu li sostnew dannu mill-illegalità tal-aġir tal-Kummissjoni minħabba l-adozzjoni tar-Regolament Nru 530/2008, ippreżentaw azzjoni għad-danni intiża għall-kumpens tad-dannu li huma qiesu li sostnew, jiġifieri somma li tikkorrispondi għad-differenza bejn id-dħul teoretiku li huma kienu se jiksbu mis-sajd għat-tonn billi jilħqu l-kwota li huma kienu ġew allokati għas-sena 2008 u d-dħul li huma effettivament kisbu wara l-projbizzjoni prematura tas-sajd għat-tonn.

12 Permezz ta' digriet tat-30 ta' Settembru 2013, il-President tat-Tielet Awla tal-Qorti Ġenerali ordna s-sospensjoni tal-eżami ta' dan ir-rikors sal-għoti, b'mod partikolari, tad-deċiżjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja li jikkonċernaw l-appelli li, fil-frattemp, ġew ippreżentati fil-kawżi Giordano vs Il-Kummissjoni (C-611/12 P) u Buono *et* vs Il-Kummissjoni (C-12/13 P u C-13/13 P).

13 Fis-sentenza tagħha tal-14 ta' Ottubru 2014, Buono *et* vs Il-Kummissjoni (C-12/13 P u C-13/13 P, EU:C:2014:2284, punti 59 u 60), il-Qorti tal-Ġustizzja, adita b'appell mis-sentenza tas-7 ta' Novembru 2012, Syndicat des thoniers méditerranéens *et* vs Il-Kummissjoni (T-574/08, mhux ippubblikata, EU:T:2012:583), iddeċidiet li, f'dik is-sentenza, il-Qorti Ġenerali kienet wettqet interpretazzjoni żbaljata tas-sentenza tas-17 ta' Marzu 2011, AJD Tuna (C-221/09, EU:C:2011:153), billi qieset li, permezz tagħha, il-Qorti tal-Ġustizzja kienet iddikjarat ir-Regolament Nru 530/2008 invalidu fl-intier tiegħu. F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja enfasizzat li din l-aħħar sentenza kienet iddikjarat l-invalidità ta' dan ir-regolament biss sa fejn huwa kien ta trattament iktar favorevoli lill-bastimenti tas-sajd bit-tartarun Spanjoli, filwaqt li żamm il-validità tad-data ta' projbizzjoni tas-sajd għat-tonn, stabbilita fl-Artikolu 1 tar-Regolament Nru 530/2008 f'dak li jikkonċerna l-bastimenti li jistadu bil-purse seines li jtajru l-bandiera Griega, Franċiża, Taljana, Ċiprijotta jew Maltija.

14 Qabel ma ddeċidiet dwar ir-rikors għad-danni tar-rikorrenti, il-Qorti Ġenerali stednithom sabiex jieħdu pożizzjoni dwar dawn is-sentenzi tal-Qorti tal-Ġustizzja. Il-Kummissjoni u r-rikorrenti ssottomettew l-osservazzjonijiet tagħhom permezz ta' ittri ppreżentati fir-Reġistru tal-Qorti Ġenerali fis-6 u fl-10 ta' Novembru 2014 rispettivament.

15 Fis-sentenza appellata, wara li fakkret il-kundizzjonijiet meħtieġa għall-iskattar tar-responsabbiltà mhux kuntrattwali tal-Unjoni Ewropea, il-Qorti Ġenerali eżaminat, b'mod partikolari, ir-rekwiżit mislut mill-illegalità tal-aġir li l-Kummissjoni ġiet ikkritikata bih f'din il-kawża.

16 Għalhekk, fil-punti 24 sa 26 tas-sentenza appellata hija essenzjalment qieset li l-eżami ta' dan ir-rekwiżit kien marbut b'mod partikolari mal-kwistjoni tal-validità tar-Regolament Nru 530/2008, kif evalwata mill-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenza tas-17 ta' Marzu 2011, AJD Tuna (C-221/09, EU:C:2011:153) u ppreċiżata fis-sentenza tagħha tal-14 ta' Ottubru 2014, Buono *et* vs Il-Kummissjoni (C-12/13 P u C-13/13 P, EU:C:2014:2284), li, skont il-Qorti Ġenerali, ikkontestat ir-raġunament segwit minn din tal-aħħar fid-digriet tal-14 ta' Frar 2012, L-Italja vs Il-Kummissjoni (T-305/08, mhux ippubblikata, EU:T:2012:70).

17 F'dan il-kuntest, il-Qorti Ġenerali qieset, fil-punt 27 tas-sentenza appellata, li r-rikorrenti ma setgħux jibbażaw ruħhom fuq l-imsemmi digriet sabiex jinvokaw l-invalidità tar-Regolament Nru 530/2008 fl-intier tiegħu u li l-Artikolu 1 tiegħu kien validu fir-rigward tagħhom.

18 Il-Qorti Ġenerali, li madankollu qieset li ċ-ċaħda ta' dan l-argument ma setgħetx, waħedha, tippreġudika l-fondatezza tar-rikors tar-rikorrenti, fil-punti 34 sa 40 tas-sentenza appellata vverifikat jekk il-Kummissjoni kinitx kisret b'mod manifest u gravi l-limiti tas-setgħa diskrezzjonali tagħha waqt l-adozzjoni tar-Regolament Nru 530/2008.

19 F'dan ir-rigward hija fakkret li, fil-qasam tas-sajd, il-Kummissjoni kellha setgħa diskrezzjonali wiesgħa, li kien jaqbel li jittieħdu inkunsiderazzjoni l-għanijiet imfittxija minn din l-istituzzjoni waqt l-adozzjoni tar-Regolament Nru 530/2008 u li l-iffissar ta' żewġ dati differenti ta' projbizzjoni tas-sajd seta' jkun iġġustifikat jekk din kienet tippermetti li dawn l-għanijiet jintlaħqu aħjar.

20 Fil-punti 38 u 39 tas-sentenza appellata l-Qorti Ġenerali barra minn hekk enfasizzat li d-diskriminazzjoni ssanzjonata skont is-sentenza tas-17 ta' Marzu 2011, AJD Tuna (C-221/09, EU:C:2011:153), kienet tirrigwarda biss il-bastimenti li jistadu bil-purse seines li jtajru l-bandiera Spanjola.

21 Minn dan hija kkonkludiet li r-rikorrenti ma setgħux jistabbilixxu li l-Kummissjoni kienet kisret b'mod manifest u gravi s-setgħa diskrezzjonali tagħha u, mingħajr ma eżaminat il-kundizzjonijiet l-oħra ta' skattar tar-responsabbiltà mhux kuntrattwali tal-Unjoni, il-Qorti Ġenerali ċaħdet ir-rikors tagħhom fl-intier tiegħu.

**It-talbiet tal-partijiet fl-appell**

22 L-appellanti jitolbu li l-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha:

– tannulla s-sentenza appellata;

– sussidjarjament, tilqa' t-talba tagħhom għal kumpens għad-dannu allegat, u

– tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż.

23 Il-Kummissjoni titlob lill-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha:

– tiċħad l-appell, u

– tikkundanna lill-appellanti għall-ispejjeż.

**Fuq l-appell**

24 Insostenn tal-appell tagħhom, l-appellanti jinvokaw żewġ aggravji bbażati, rispettivament, fuq żbalji ta' liġi fl-evalwazzjoni tal-prinċipju ta' awtorità ta' res judicata kif ukoll fl-applikazzjoni tar-rekwiżit dwar l-aġir illegali tal-Kummissjoni.

***Fuq l-ewwel aggravju***

***L-argumenti tal-partijiet***

25 Fir-rigward tal-ewwel aggravju, l-appellanti jsostnu li l-Qorti Ġenerali naqset milli tosserva n-natura tal-awtorità ta' res judicata tad-digriet tal-14 ta' Frar 2012, L-Italja vs Il-Kummissjoni (T-305/08, mhux ippubblikat, EU:T:2012:70), billi llimitat l-invalidità tar-Regolament Nru 530/2008 għall-Artikolu 2 tiegħu.

26 Fil-fatt, f'dan id-digriet, il-Qorti Ġenerali ddikjarat li ma kienx hemm lok li tingħata deċiżjoni dwar ir-rikors tar-Repubblika Taljana intiż għall-annullament tal-Artikolu 1 tar-Regolament Nru 530/2008, sa fejn, wara l-għoti tas-sentenza tas-17 ta' Marzu 2011, AJD Tuna (C-221/09, EU:C:2011:153), dan l-Istat Membru kien wasal għar-riżultat li kien ifittex. B'hekk hija ddeċidiet il-kwistjoni tal-validità ta' dan ir-regolament billi indikat li dan kien ġie meqjus invalidu fl-intier tiegħu.

27 Issa, minkejja li, fis-sentenza tal-14 ta' Ottubru 2014, Buono *et* vs Il-Kummissjoni (C-12/13 P u C-13/13 P, EU:C:2014:2284), il-Qorti tal-Ġustizzja enfasizzat li din l-invalidità kienet tapplika għall-Artikolu 2 biss tal-imsemmi regolament, l-effetti ta' tali sentenza, li kienet tikkonċerna rikors għad-danni, huma limitati, sa fejn tali rikors ma jkollux l-għan li jikkonstata l-invalidità ta' att.

28 Barra minn hekk, is-sistema ta' bidla tad-deċiżjonijiet tal-Qorti Ġenerali permezz tal-mekkaniżmu tal-appell ma tistax tiġġustifika li sentenza li saret definittiva ma tgawdix mill-awtorità ta' res judicata għas-sempliċi raġuni li hija toriġina minn qorti inferjuri.

29 Minbarra dan, il-Qorti Ġenerali kisret il-prinċipju ta' aspettattivi leġittimi billi tat preferenza lil interpretazzjoni tas-sentenza tas-17 ta' Marzu 2011, AJD Tuna (C-221/09, EU:C:2011:153), ibbażata fuq is-sentenza tal-14 ta' Ottubru 2014, Buono *et* vs Il-Kummissjoni (C-12/13 P u C-13/13 P, EU:C:2014:2284), iktar milli għamlet riferiment għall-konstatazzjonijiet li hija wettqet fil-kuntest tad-digriet tagħha tal-14 ta' Frar 2012, L-Italja vs Il-Kummissjoni (T-305/08, mhux ippubblikat, EU:T:2012:70), iktar u iktar peress li, kuntrarjament għal din l-aħħar sentenza, dan id-digriet ingħata qabel il-preżentata tar-rikors tar-rikorrenti.

30 Il-Kummissjoni titlob li l-ewwel aggravju jiġi miċħud.

### *Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja*

31 Insostenn tal-ewwel aggravju tagħhom l-appellanti jsostnu li l-Qorti Ġenerali wettqet żball meta tat prijorità lill-kjarifiki mogħtija mill-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenza tagħha tal-14 ta' Ottubru 2014, Buono *et* vs Il-Kummissjoni (C-12/13 P u C-13/13 P, EU:C:2014:2284), f'dak li jikkonċerna l-portata tad-dikjarazzjoni ta' invalidità tar-Regolament Nru 530/2008 stabbilita fis-sentenza tas-17 ta' Marzu 2011, AJD Tuna (C-221/09, EU:C:2011:153), għad-detriment tal-interpretazzjoni ta' din l-aħħar sentenza magħżula mill-Qorti Ġenerali skont id-digriet tal-14 ta' Frar 2012, L-Italja vs Il-Kummissjoni (T-305/08, mhux ippubblikat, EU:T:2012:70), bi ksur tal-prinċipju ta' awtorità ta' res judicata.

32 Il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret, diversi drabi, l-importanza li l-prinċipju ta' awtorità ta' res judicata għandu fl-ordinament ġuridiku tal-Unjoni (sentenza tad-29 ta' Marzu 2011, ThyssenKrupp Nirosta vs Il-Kummissjoni, C-352/09 P, EU:C:2011:191, punt 123 u l-ġurisprudenza ċċitata).

33 F'dan il-każ, hekk kif fakkret essenzjalment il-Qorti Ġenerali fil-punt 25 tas-sentenza appellata, il-Qorti tal-Ġustizzja, fis-sentenza tagħha tas-17 ta' Marzu 2011, AJD Tuna (C-221/09, EU:C:2011:153), b'risposta għal talba għal deċiżjoni preliminari dwar il-validità tar-Regolament Nru 530/2008 qieset li dan tal-aħħar kien invalidu, sa fejn il-projbizzjonijiet ta' sajd li huwa jistabbilixxi kienu jidħlu fis-seħħ sa mit-23 ta' Ġunju 2008 biss fir-rigward tas-sajjieda Spanjoli, filwaqt li fir-rigward tal-bastimenti li jistadu bil-purse seines li jtajru l-bandiera Griega, Franċiża, Taljana, Ċiprijotta kif ukoll Maltija, dawn il-projbizzjonijiet ġew imposti fuqhom sa mis-16 ta' Ġunju 2008, mingħajr ma din id-differenza fit-trattament ġiet ġustifikata b'mod oġġettiv. Hekk kif ġie espost fil-punt 13 tas-sentenza preżenti, il-Qorti tal-Ġustizzja enfasizzat, fis-sentenza tagħha tal-14 ta' Ottubru 2014, Buono *et* vs Il-Kummissjoni (C-12/13 P u C-13/13 P, EU:C:2014:2284, punti 59 u 60), mogħtija wara l-appell ippreżentat mis-sentenza tal-Qorti Ġenerali dwar talba għal kumpens imressqa minn sajjieda Franċiżi, li l-invalidità ta' dan ir-regolament kienet tikkonċerna biss l-Artikolu 2 tiegħu, dwar is-sajjieda Spanjoli, u għaldaqstant li l-Artikolu 1 tal-imsemmi regolament żamm il-validità tiegħu fir-rigward tal-bastimenti li jistadu bil-purse seines li jtajru l-bandiera Griega, Franċiża, Taljana, Ċiprijotta u Maltija, jew irreġistrati f'dawn l-Istati Membri.

34 Issa, l-ewwel nett, skont l-awtorità ta' res judicata li għandhom id-deċiżjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja dwar il-validità ta' att tal-Unjoni, dawn id-deċiżjonijiet juru l-effetti totali u sħiħa tagħhom minkejja d-diverġenzi ta' interpretazzjoni possibbli li huma jistgħu jikkawżaw.

35 Għaldaqstant, anki jekk jiġi kkunsidrat li l-inċertezzi possibbli marbuta mal-portata eżatta tas-sentenza tas-17 ta' Marzu 2011, AJD Tuna (C-221/09, EU:C:2011:153), tneħħew definittivament biss bis-saħħa tal-kjarifiki mogħtija fis-sentenza tal-14 ta' Ottubru 2014, Buono *et* vs Il-Kummissjoni (C-12/13 P u C-13/13 P, EU:C:2014:2284), xorta waħda jibqa' l-fatt li din l-ewwel sentenza għandha titqies li, sa mill-għoti tagħha, kellha l-portata kif ippreċiżata fil-kliem ta' din it-tieni sentenza (ara, b'analoġija, is-sentenza tat-12 ta' Frar 2008, Kempter, C-2/06, EU:C:2008:78, punt 35).

36 It-tieni nett, ma huwiex ikkontestat li, skont id-digriet tal-14 ta' Frar 2012, L-Italja vs Il-Kummissjoni (T-305/08, mhux ippubblikat, EU:T:2012:70), il-Qorti Ġenerali ddeċidiet li ma kienx hemm lok li tingħata deċiżjoni dwar ir-rikors tar-Repubblika Taljana intiż għall-annullament tar-Regolament Nru 530/2008.

37 Mill-ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta li l-awtorità ta' res judicata tapplika biss għall-punti ta' fatt u ta' liġi li jkunu ġew effettivament jew neċessarjament deċiżi permezz ta' deċiżjoni ġudizzjarja (sentenza tad-29 ta' Marzu 2011, ThyssenKrupp Nirosta vs Il-Kummissjoni, C-352/09 P, EU:C:2011:191, punt 123).

38 Għalhekk, peress li l-Qorti Ġenerali ma ddeċidietx dwar ir-rikors ippreżentat mir-Repubblika Taljana intiż għall-annullament tar-Regolament Nru 530/2008, ma tistax tiġi kkritikata li wettqet żball ta' liġi billi, fis-sentenza appellata, hija evalwat it-talba għal kumpens tar-rikorrenti abbażi tas-sentenzi tas-17 ta' Marzu 2011, AJD Tuna (C-221/09, EU:C:2011:153), u tal-14 ta' Ottubru 2014, Buono *et* Il-Kummissjoni (C-12/13 P u C-13/13 P, EU:C:2014:2284).

39 Fir-rigward tal-allegazzjoni tal-appellanti dwar l-aspettattivi leġittimi li huma bbażaw fuq id-digriet tal-Qorti Ġenerali tal-14 ta' Frar 2012, L-Italja vs Il-Kummissjoni (T-305/08, mhux ippubblikat, EU:T:2012:70), għandu jitfakkar li, konformement ma' ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja, id-dritt li wieħed jinvoka l-prinċipju ta' protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi huwa dritt ta' kull parti fil-kawża li taħseb li meta istituzzjoni tal-Unjoni tagħtiha assigurazzjonijiet preċiżi tkun ħolqot, fir-rigward tagħha, tamiet fondati. Informazzjoni preċiża, inkundizzjonali u konkordanti tikkostitwixxi assigurazzjonijiet bħal dawn, tkun xi tkun il-forma li fiha tiġi kkomunikata (sentenza tas-16 ta' Diċembru 2010, Kahla Thüringen Porzellan vs Il-Kummissjoni, C-537/08 P, EU:C:2010:769, punt 63 u l-ġurisprudenza ċċitata). Għall-kuntrarju, ħadd ma jista' jinvoka ksur ta' dan il-prinċipju fl-assenza tal-imsemmija assigurazzjonijiet [sentenza tas-16 ta' Diċembru 2008, Masdar (UK) vs Il-Kummissjoni, C-47/07 P, EU:C:2008:726, punt 81].

40 Issa, jekk wieħed jippreżupponi li deċiżjoni ġudizzjarja tista', hija waħedha, tagħti d-dritt għal tamiet fondati fis-sens ta' din il-ġurisprudenza, ikun biżżejjed li wieħed jenfasizza li l-appellanti, fi kwalunkwe każ, ma jistgħux jisiltu assigurazzjoni preċiża fir-rigward tal-portata tal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja ta' digriet li permezz tiegħu l-Qorti Ġenerali ddeċidiet li ma hemmx lok li tingħata deċiżjoni, bħad-digriet tal-14 ta' Frar 2012, L-Italja vs Il-Kummissjoni (T-305/08, mhux ippubblikat, EU:T:2012:70).

41 Mill-kunsiderazzjonijiet preċedenti jirriżulta li l-ewwel aggravju għandu jiġi miċħud bħala infondat.

*Fuq it-tieni aggravju*

*L-argumenti tal-partijiet*

42 Insostenn tat-tieni aggravju, l-appellanti jsostnu li fil-punt 40 tas-sentenza appellata l-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi meta qieset li d-differenza fit-trattament kkonstatata mill-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenza tas-17 ta' Marzu 2011, AJD Tuna (C-221/09, EU:C:2011:153) ma kinitx tikkostitwixxi ksur gravi u manifest tal-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni mill-Kummissjoni.

43 Skont l-appellanti, kemm mill-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Trstenjak fil-Kawża AJD Tuna (C-221/09, EU:C:2010:500) kif ukoll mis-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja fl-istess kawża (sentenza tas-17 ta' Marzu 2011, AJD Tuna, C-221/09, EU:C:2010:153) jirriżulta li d-differenza fit-trattament inkwistjoni f'din il-kawża ma kinitx ġustifikata b'mod oġġettiv u, għaldaqstant, kienet tikkostitwixxi ksur gravi u manifest tal-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni minħabba n-nazzjonalità.

44 Dan l-argument ma jistax jiġi kkontestat mir-raġunijiet magħżula mill-Qorti Ġenerali, fil-punti 36 sa 39 tas-sentenza appellata, sabiex tiddeċiedi li l-Kummissjoni ma kinitx kisret il-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni b'mod suffiċjentement serju.

45 Il-Kummissjoni titlob li t-tieni aggravju jiġi miċħud. Għal dan il-għan hija essenzjalment issostni li l-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi meta, fil-punt 34 tas-sentenza appellata, qieset li, insostenn tar-rikors tagħhom ir-rikorrenti setgħu jinvokaw l-eżistenza tal-illegalità li tivvizzja r-Regolament Nru 530/2008, minkejja li, hekk kif il-Qorti Ġenerali ddeċidiet ġustament, din l-illegalità ma tikkonċernahomx, peress li dan ir-regolament baqa' validu fir-rigward tagħhom. Peress li madankollu dan l-iżball ta' liġi ma jaffettwax id-dispożittiv ta' din is-sentenza, il-Kummissjoni titlob lill-Qorti tal-Ġustizzja twettaq sostituzzjoni tal-motivi.

### *Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja*

46 Permezz tat-tieni aggravju tagħhom, l-appellanti jikkritikaw essenzjalment lill-Qorti Ġenerali talli, b'mod żbaljat, qieset li l-ksur tal-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni li jirriżulta mill-fatt li s-sajjieda Spanjoli bbenefikaw, permezz tal-Artikolu 2 tar-Regolament Nru 530/2008, minn ġimgħa sajd għat-tonn iktar mill-bastimenti li jistadu bil-purse seines li jtajru bandiera Griega, Franċiża, Taljana, Ċiprijotta u Maltija, jew irreġistrati f'dawn l-Istati Membri, ma kienx suffiċjentement gravi u lanqas suffiċjentement manifest sabiex jikkostitwixxi ksur serju ta' dan il-prinċipju mill-Kummissjoni. B'risposta għal dan, filwaqt li qieset li d-dispożittiv tas-sentenza appellata għandu jinżamm, il-Kummissjoni ssostni li s-sentenza appellata hija vvizzjata minn żball ta' liġi, sa fejn il-Qorti Ġenerali qieset li r-rikorrenti setgħu jinvokaw, insostenn tar-rikors tagħhom, l-imsemmi ksur tal-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni.

47 Għandu qabel xejn jiġi eżaminat dan l-argument tal-Kummissjoni.

48 Fil-punti 16, 17 u 23 tas-sentenza appellata l-Qorti Ġenerali fakkret li mill-ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta, minn naħa, li l-iskattar tar-responsabbiltà mhux kuntrattwali tal-Unjoni huwa suġġett għall-eżistenza ta' grupp ta' kundizzjonijiet, fosthom l-illegalità tal-aġir li bih jiġu kkritikati l-istituzzjonijiet minħabba l-ksur suffiċjentement serju ta' dispożizzjoni legali li għandha l-għan li tagħti drittijiet lill-individwi (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tad-9 ta' Settembru 2008, FIAMM *et* vs Il-Kunsill u Il-Kummissjoni, C-120/06 P u C-121/06 P, EU:C:2008:476, punti 106, 172 u 173).

49 Min-naħa l-oħra l-Qorti Ġenerali esponiet li, konformement ma' din l-istess ġurisprudenza, meta waħda minn dawn il-kundizzjonijiet ma tkunx issodisfatta, ir-rikors għandu jiġi miċħud fl-intier tiegħu mingħajr ma jkun neċessarju li jiġu eżaminati l-kundizzjonijiet l-oħra tal-imsemmija responsabbiltà [sentenzi tad-19 ta' April 2007, Holcim (Deutschland) vs Il-Kummissjoni, C-282/05 P, EU:C:2007:226, punt 57, u tat-30 ta' April 2009, CAS Succhi di Frutta vs Il-Kummissjoni, C-497/06 P, mhux ippubblikata, EU:C:2009:273, punt 40].

50 Fil-punt 34 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali ddeċidiet li l-eżistenza ta' ksur ta' tali dispożizzjoni legali kienet, f'dak il-każ, murija peress li r-Regolament Nru 530/2008 kien ivvizzjat minn ksur tal-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni, li huwa prinċipju ġenerali tad-dritt tal-Unjoni li jirrigwarda l-protezzjoni tal-individwi. Fil-punti 35 sa 40 ta' dik is-sentenza l-Qorti Ġenerali għaldaqstant eżaminat jekk dan il-prinċipju kienx ġie miksur b'mod suffiċjentement serju f'dan il-każ u kkonkludiet li dan ma kienx kien il-każ.

51 Meta għamlet hekk il-Qorti Ġenerali, b'mod impliċitu iżda neċessarjament, qieset li r-rikorrenti setgħu jinvokaw l-illegalità li tivvizzja r-Regolament Nru 530/2008 insostenn tar-rikors għad-danni tagħhom.

52 Madankollu, mill-ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta li l-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament għandu jiġi rrikonċiljat mal-osservanza tal-legalità, li skontha ħadd ma jista' jinvoka, għall-benefiċċju tiegħu stess, illegalità mwettqa favur persuna oħra (sentenza tal-10 ta' Novembru 2011, The Rank Group, C-259/10 u C-260/10, EU:C:2011:719, punt 62).

53 Issa, fil-punti 31 u 32 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali fakkret, ġustament, li, fis-sentenza tas-17 ta' Marzu 2011, AJD Tuna (C-221/09, EU:C:2011:153), il-Qorti tal-Ġustizzja iddikjarat ir-Regolament Nru 530/2008 invalidu biss sa fejn il-bastimenti li jistadu bil-purse seines li jtajru l-bandiera Spanjola bbenefikaw minn ġimgħa sajd addizzjonali, filwaqt li żammet il-validità ta' dan ir-regolament sa fejn huwa ppreveda l-projbizzjoni tas-sajd għat-tonn permezz tal-purse seines Griegi, Franċiżi, Taljani, Ċiprijotti u Maltin sa mis-16 ta' Ġunju 2008.

54 Għalhekk, hekk kif il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet fis-sentenza tal-14 ta' Ottubru 2014, Buono *et* vs Il-Kummissjoni (C-12/13 P u C-13/13 P, EU:C:2014:2284), il-ksur tal-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni li jirriżulta mill-Artikolu 2 tar-Regolament Nru 530/2008 ma kellu ebda konsegwenza fuq il-validità tal-Artikolu 1 ta' dan ir-regolament dwar, b'mod partikolari, is-sitwazzjoni tal-appellanti.

55 F'dawn iċ-ċirkustanzi, hekk kif sostniet il-Kummissjoni, il-Qorti Ġenerali setgħet biss tqis, mingħajr ma twettaq żball ta' liġi, fil-punt 34 tas-sentenza appellata, li r-rikorrenti kellhom madankollu bażi sabiex jinvokaw il-ksur ta' dan il-prinċipju insostenn tar-rikorsi tagħhom, suġġett għal li dan il-ksur ikun suffiċjentement serju. Peress li l-invalidità li tivvizzja r-Regolament Nru 530/2008, imwettqa favur il-bastimenti Spanjoli, ma kinitx tikkonċerna s-sitwazzjoni tar-rikorrenti, għall-finijiet ta' dak ir-rikors dawn ma setgħux jinvokaw din l-invalidità.

56 Minn dan isegwi li l-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi meta ddeċidiet fis-sens kuntrarju.

57 Madankollu, skont ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja, jekk il-motivi ta' sentenza tal-Qorti Ġenerali jindikaw ksur tad-dritt tal-Unjoni, iżda d-dispożittiv tagħha jidher fondat fuq motivi oħra ta' dritt, tali ksur ma jkunx ta' natura li jwassal għall-annullament ta' din is-sentenza u jkun hemm lok li titwettaq sostituzzjoni tal-motivi (sentenza tas-26 ta' Jannar 2017, Mamoli Robinetteria vs Il-Kummissjoni, C-619/13 P, EU:C:2017:50, punt 107 u l-ġurisprudenza ċċitata).

58 Issa, mill-kunsiderazzjonijiet esposti fil-punti 52 sa 56 tas-sentenza preżenti jirriżulta li l-appellanti ma setgħux jiskattaw ir-responsabbiltà mhux kuntrattwali tal-Unjoni fiċ-ċirkustanzi tal-kawża. Minn dan isegwi li l-iżball ta' liġi li jivvizzja s-sentenza appellata ma jistax iwassal għall-annullament tagħha sa fejn dik is-sentenza tkun ċaħdet ir-rikors tar-rikorrenti intiż li jikkontesta dik ir-responsabbiltà.

59 Fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet, it-tieni aggravju għandu jiġi miċħud bħala ineffettiv.

60 Għaldaqstant, l-appell għandu jiġi miċħud fl-intier tiegħu.

## Fuq l-ispejjeż

61 Skont l-Artikolu 184(2) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja, meta l-appell ikun infondat jew meta l-appell ikun fondat u l-Qorti tal-Ġustizzja taqta' l-kawża definittivament hija stess, hija għandha tiddeċiedi dwar l-ispejjeż. Skont l-Artikolu 138(1) ta' dawn ir-regoli, applikabbli għall-proċedura ta' appell bis-saħħa tal-Artikolu 184(1) tal-istess regoli, il-parti li titlef il-kawża għandha tbati l-ispejjeż, jekk dawn ikunu ġew mitluba. Peress li l-Kummissjoni talbet li l-appellanti jiġu kkundannati għall-ispejjeż u dawn tal-aħħar tilfu, hemm lok li jiġu kkundannati għall-ispejjeż relatati mal-appell preżenti.

**Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (Il-Ħames Awla) taqta' u tiddeċiedi:**

1) **L-appell huwa miċħud.**

2) **Salvatore Aniello Pappalardo, Pescatori La Tonnara Soc. coop., Fedemar Srl, Testa Giuseppe & C. Snc, Pescatori San Pietro Apostolo Srl, Camplone Arnaldo & C. Snc di Camplone Arnaldo & C. u Valentino Pesca Sas di Camplone Arnaldo & C. huma kkundannati għall-ispejjeż.**

Firem